MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 360/2005

Kawza fil-lista: 34

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Peress illi fil-25 ta’ Ottubru 2003 twieldet tarbija tas-sess maskili li nghata l-isem ta’ Jake Nicholas minn relazzjoni li kien hemm bejn il-kontendenti li ma humiex mizzewga;

U peress illi l-attur mill-ewwel irrikonoxxa lill-imsemmi minuri bhala ibnu, l-istess minuri gie debitament u korrettament registrat mal-Awtoritajiet Civili ta’ Malta bhala

bin l-attur A B u l-konvenuta C D skond ma kif jirrizulta mill-anness certifikat mahrug mir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru 3948 tas-sena 2003 hawn anness u markat Dok A;

U peress illi l-kontendenti ma humiex qed jaqblu dwar il-granet u l-hinijiet tal-access meta l-attur ghandu jkun intitolat li jara u jqatta l-hin tal-imsemmi ibnu minuri stante li l-istess Jake Nicholas B ighix fir-residenza ta' ommu, l-konvenuta;

U peress illi minhabba dan in-nuqqas ta' qbil u l-intrasigenza tal-konvenuta, l-attur ilu ma jara u jkun fejn ibnu minn Dicembru tas-sena 2004;

U peress illi t-tentattivi li saru tramite l-process tal-medjazzjoni ma taw ebda frott u difatti l-istess process inghalaq minghajr ma gie konkluz ebda ftehim bejn il-kontendenti;

U peress illi l-attur ghalhekk gie awtorizzat minn dina l-Onorabbli Qorti sabiex jipprocedi bil-prezentata ah hoc tal-kawza Dok B;

Tghid ghalhekk l-istess konvenuta ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tawtorizza lill-attur ikollu access ghal ibnu minuri Jake Nicholas B f'dawk il-granet, hinijiet u modalitajiet kif ghandha tiffissa din l-istess Qorti skond ma jidrilha xieraq u opportun tenut;

2. Konsegwentement tordna lill-istess konvenuta takkorda lill-attur l-access ghall-imsemmi ibnu minuri skond kif deciz u dirett fl-ewwel talba.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet

1. Illi l-eccipjenti tikkonferma l-korrettezza tal-ewwel, t-tieni u l-hames premessa citattiva filwaqt illi tirrespingi t-tielet u r-raba' premess citattiva bhala kompletament inveritjieri stante illi kien il-konvenut illi unilateralment waqaf josserva l-pattijiet u kundizzjonijiet ta' skrittura privata illi l-kontendenti kienu kkonkordaw fuqha sabiex jirregolaw il-kura u l-kustodja, l-access u l-manteniment ghall-minuri Jake Nicholas B meta waqaf hesrem milli jhallas manteniment ghal ibnu u ma tax kaz li jkompli jezercita l-access.

2. Illi di fatti l-attur ghamel xhur shah ma jarax lil ibnu ghar-ragunijiet illi sejrin jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

3. Illi anke fil-process tal-medjazzjoni kien l-attur u mhux l-eccipjenti illi wera intranzigenza kbira u fittex biss l-interessi u l-kumditajiet tieghu u mhux dawk ta' ibnu minuri.

4. Illi l-minuri Jake Nicholas B ghad ghandu sentejn u tliet xhur, lill-attur prattikament ma jafux u huwa attakat hafna mal-eccipjenti ommu, u ghalhekk kwalsijasi access illi jigi ordnat ghandu jkun wiehed limitat f'dan l-istadju u supervizjonat, u dan fl-interess tal-istess minuri.

5. Illi l-ispejjez kollha ghandhom jigu akkollati lill-attur.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat in-nota kongunta prezenta mill-partijiet fil-5 ta' April 2005 li maghha giet annessa skrittura privata datata 1 ta' Marzu 2006 maghmula mill-kontendenti [fol.20 et seq.];

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tal-5 ta' April 2006 li permezz tieghu l-partijiet talbu l-inkorporazzjoni ta' dan il-ftehim fis-sentenza;
Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi fil-25 ta’ Ottubru 2003 li twieled it-tifel Jake Nicholas mill-konvenuta, u li l-minuri gie sussegwentement rikonoxxot mill-attur permezz ta’ att pubbliku datat 21 ta’ Lulju 2004 fl-atti tan-Nutar Dottor Elena Farrugia.

Illi permezz ta’ skrittura privata data wkoll 21 ta’ Lulju 2004 [fol.14 et seq.] il-partijiet lahqu ftehim dwar il-kura u kustodja tal-minuri, il-modalita’ tal-access ghall-attur u l-manteniment dovut minnu lill-minuri.

Illi sussegwentement inqala’ dizgwid bejn il-partijiet tenut kont ta’ tibdil f’ xi cirkostanzi, li eventwalment wassal ghall-proceduri odjerni.

Illi fil-mori tal-kawza il-parti lahqu ftehim gdid rigwardanti l-access u anke l-kontribut ta’ l-attur ghall-manteniment u spejjez relattivi ghall-minuri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa’ t-talbiet attrici u takkorda lill-attur access liberu ghal ibnu kull nhar ta’ Tlieta u nhar ta’ Hamis bejn il-5.30 pm u t-8.30 pm fix-xitwa, u fis-sajf fl-istess granet bejn is-6.00 pm u 9.00pm, filwaqt li fil-weekends l-access ikun minn nhar is-Sibt filghaxija sal-Hadd ta’ wara nofs in-nhar, u bejn nhar il-gimgha filghaxija sas-Sibt wara nofs in-nhar b’ mod alternat; minn naha tieghu l-attur qed jaqbel li ghandu jhallas lill-konvenuta s-somma ta’ ghoxrin lira Maltin [Lm20] fil-gimgha pagabbli kull gimgha bil-quddiem, kif ukoll nofs l-ispejjez edukattivi u ta’ sahha relattivi ghall-minuri bil-kondizzjoni li huwa jinzamm informat u kkonsultat dwar tali materja u previa li jinghataw ir-ricevuti relattivi skond il-kaz;  l-attur huwa wkoll obbligat li fiz-zmien sena millum jiddepozita f’ kont bankarju intestat f’ isem il-minuri u amministrat mill-konvenuta s-somma ta’ seba mitt lira Maltin [Lm700] rapprezentanti arretrati ta’ manteniment; in fine l-attur ghandu jhallas lill-attrici is-somma ta’ erbghin lira Maltin [Lm40] rapprezentanti arretrati ta’ manteniment relattivi ghas-sena 2006 fi zmien xahar.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------